# Beati u Qaddisin....Jannar

7 ta' Jannar

San Rajmondo minn Penafort




Twieled gewwa Penafort fis-sena 1175. Beda l-istudji tieghu gewwa Barcellona u spicchom f'Bolonja. Hawn thabbeb ma Sinibaldo Fieschi, il-futur papa Innocent IV. Meta rega' lura gewwa Barcellona huwa gie nominat kanonku tal-kattedral. Imma meta fis-sena 1222 fil-bidu infetah kunvent tad-Dumnikani huwa halla l-kanonkat biex dahal jaghmel parti mill-kongregazzjoni.

Fis-sena 1223 ghen lill-futur papa Pietro Nolasco biex iwaqaf l-Ordni tal-Mercedari li l-iskop taghha kien li jifdu l-ilsira. Ftit tas-snin wara l-Papa Girgor IX afdalu r-responsabilta li jigbor u jorganizza id-degrieti kollha tal-papiet.

Rajmondo qeda din r-responsabilta bl-akbar reqqa tant li rnexxilu jpoggi f'ordni kbira dawn id-dokumenti, ordni li qatt ma ntlehqet qabel. Fis-sena 1234 il-Papa offrilu id-djocesi ta' Tarragona imma huwa rrifjuta. Patri dumnikan kien u patri dumnikan ried jibqa'.

Erba' snin wara l-ahwa tieghu fl-ordni offrewlu li jkun hu il-General. Kien it-tielet General wara San Duminku u Giordano di Sassonia. Hu gera l-Ewropa kollha biex iheggfeg u jinkoraggixi l-membri dumnikani. Din l-attivita kienet ta' toqol kbir ghalih. Huwa rtira ta' seb ghin sena ghall-hajja ta' talb, studju u formazzjoni ta' predikaturi ohra fl-ordni tieghu. Miet gewwa Barcellona fis-sena 1275.

Gie kkanonizat fis-sena 1601 mill-Papa Klement VIII.